MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 774/2012

**Antonia *sive* Antoinette Dalli**

**-vs-**

**Victor Dalli, Joseph *sive* Ġużeppi *sive* Joey Dalli, Angela *sive* Angiolina Dalli, Adam Dalli; Mario Dalli; u b'digriet tal-11 ta' Settembru 2012 ġew nominati l-Avukat Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-imsiefra: Orazio *sive* Grezzju *sive* Horace Dalli, John Mary *sive***

**Jimmy Dalli, Paul Dalli, Carmelo *sive* Charles Dalli, u Charles bin il-mejjet George Dalli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attriċi fl-1 ta' Awissu 2012 fejn ġie premess:

Illi Carmelo Dalli miet fil-25 ta' Diċembru 2001, u ħalla testment li permezz tiegħu nnomina bħala werrieta universali tiegħu lill-għaxar uliedu ħajjin, u ċjoe' lill-partijiet kollha ad eċċezzjoni tal-konvenut Charles iben il-mejjet George Dalli; martu Maria Dalli mietet fil-5 ta' Ottubru 2004, u ħalliet testment li permezz tiegħu nnominat bħala werrieta universali tagħha lill-għaxar ulied tagħha flimkien man-neputi tagħha Charles Dalli, iben il-predeċedut George Dalli, u ċjoe' lill-partijiet kollha f'dawn il-proċeduri;

Illi fl-istess testament, l-istess testatriċi ħalliet lill-attriċi Antonia Dalli prelegat konsistenti fis-somma ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000), ekwivalenti għal tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24), filwaqt illi ħalliet ukoll lill-konvenuti Adam u Mario Dalli l-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000), ekwivalenti għal elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) kull wieħed;

Illi l-partijiet jew min minnhom ressqu għad-dikjarazzjonijiet ta' trasferiment *causa mortis* hawn annessi bħala Dok. AD3, AD4 u AD5 rispettivament, u kif ukoll ulterjorment mill-att ta' tranżazzjoni Dok. AD6 u għall-att ta' bejgħ effettwat mill-partijiet favur il-konvenut Paul Dalli ta' garaxx ġej mill-istess wirt (Dok. AD7);

Illi bejn il-partijiet diġa' kien hemm proċeduri kontra l-konvenuti Joseph, Adam u Mario Dalli in konnessjoni ma' prelegat ieħor, ta' abitazzjoni, imħolli lill-attriċi, liema proċeduri ġew tranżatti permezz ta' kuntratt (Dok. AD6) li fih il-konvenuti msemmija obbligaw ruħhom illi jimmettu lill-attriċi fil-pussess tal-legat tagħha; madanakollu, sija l-konvenuti msemmija kif ukoll uħud mill-konvenuti l-oħra qegħdin jirrifjutaw li jiffirmaw sabiex l-attriċi titħallas mill-flus li hemm depożitati l-banek f'isem id-decujus;

Illi finalment, l-attriċi qabel ma fetħet il-proċeduri odjerni, reġgħet kitbet lill-konvenuti li qed joħolqu dan l-inkwiet (Dok. AD8), u rċeviet risposta mingħand uħud minnhom (Dok. AD9), fis-sens illi huma joġġezzjonaw għall-ħlas tal-prelegat in kwistjoni dment illi l-attriċi tibqa' tgawdi l-prelegat ta' abitazzjoni fuq imsemmi;

Illi apparti minn hekk, il-partijiet mhumiex qegħdin jaqblu dwar kif għandhom ibiegħu u / jew jillikwidaw ir-rimanenti assi tal-istess wirt;

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1) Tiddikjara illi l-werrieta tal-mejjet Carmelo Dalli huma wliedu l-attriċi Antonia *sive* Antoinette Dalli u l-konvenuti Victor, Ġużeppi *sive* Joey, Angela *sive* Angiolina mart Francis Deguara, Adam, Mario aħwa Dalli, l-imsefrin Orazio *sive* Grezzju *sive* Horace, John Mary *sive* Jimmy, Paul u Carmelo *sive* Charles, ilkoll aħwa Dalli;

2) Tiddikjara li l-werrieta tal-mejta Maria Dalli huma wliedu l-attriċi Antonia *sive* Antoinette Dalli u l-konvenuti Victor, Ġużeppi *sive* Joey, Angela *sive* Angiolina mart Francis Deguara, Adam, Mario aħwa Dalli, l-imsefrin Orazio *sive* Grezzju *sive* Horace, John Mary *sive* Jimmy, Paul u Carmelo *sive* Charles, ilkoll aħwa Dalli; kif ukoll il-konvenut l-imsiefer Charles bin George Dalli;

3) Tillikwida l-assi ereditarji tal-mejtin konjuġi Carmelo u Maria Dalli billi tiddikjara li l-imsemmi assi ereditarji jikkonsistu f'dawk il-beni u assi li ser jirriżultaw matul is-smiegħ tal-kawża, okkorrendo billi tidentifika, tillikwida u taqsam l-assi li kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin konjuġi Dalli;

4) Tikkonferma l-prelegati msemmija fit-testmenti esibiti u tordna li jiġu attwati b'dawk il-modalitajiet li jidhrulha xierqa u opportuni;

5) Tistabbilixxi, bl-għajnuna ta' periti nominandi, jekk l-imsemmija assi ereditarji humiex komodament diviżibbli, f'liema każ tħejji pjan ta' qasma tagħhom u tinnomina nutar u kuratur għall-eventwali kontumaċi sabiex jiġi ppubblikat l-att neċessarju, jew le, f'liema każ tordna l-bejgħ in liċitazzjoni taħt l-awtorita' tagħha tal-assi mhux komodament diviżibbli, bil-parteċipazzjoni ta' oblaturi esterni;

Bl-ispejjeż legali, bl-inġunzjoni minn issa tal-konvenuti in subizzjoni, u bir-riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-liġi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Victor Dalli ppreżentata fit-23 ta' Ottubru 2012 fejn ġie eċċepit:

Illi l-esponenti jaqbel mal-fatti kontenuti fl-ewwel erba' paragrafi numerati tar-rikors maħluf tar-rikorrenti Antonia *sive* Antoinette Dalli.

Illi huwa qatt ma ried joħloq inkwiet.

Illi huwa ma jopponix għat-talbiet tar-rikorrenti Antonia *sive* Antoinette Dalli, dejjem pero' li l-likwidazzjonijiet u l-assenjazzjonijiet isiru skond il-liġi.

Illi huwa m' għandu jħallas l-ebda spejjeż relatati ma' din il-kawża.

Salv kull eċċezzjoni oħra fi stadju ulterjuri li hija permessa mil-liġi.

Rat illi l-konvenuti l-oħra ma ppreżentawx risposta u lanqas ressqu provi;

Rat ir-rapport tal-perit debitament maħluf tal-perit tekniku l-A.I.C. Alan Saliba li għamel stima tal-proprjetajiet illi kellhom jiġu diviżi, kif ukoll pjan ta' qasma parzjali.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;

Rat il-verbali, inkluż l-aħħar wieħed tal-4 ta' Frar 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mill-premess il-kawża hija waħda ta' diviżjoni tal-proprjetajiet illi l-partijiet wirtu mingħand il-ġenituri tagħhom, liema wirt tagħhom kellu jiġi regolat mit-testmenti li ġew esebiti u msemmija fir-rikors. Il-missier Carmelo Dalli ħalla lil (għaxar) uliedu bħala werrieta tiegħu, filwaqt li l-omm Maria Dalli ħalliet lill-istess uliedha u iben il-preċedut George Dalli, Charles, bħala ko-eredi. Hija ħalliet ukoll prelegat ta' Lm6,000 u dritt tal-abitazzjoni lill-attriċi u Lm1,000 kull wieħed lil Adam u Mario Dalli.

Illi l-proprjetajiet immobbli soġġetti għal din il-qasma huma elenkati u stmati fir-rapport peritali a fol 73 tal-process u palesament ma humiex komodament diviżibbli mhux tant minħabba l-valuri izda minħabba d-diskrepanza kbira bejn proprjeta' u oħra u ishma żgħar tal-partijet rispettivi, li bilfors ikollha tirriżulta f'ordnijiet ta' ekwiparazzjoni mhux realistiċi. Dan salv dak li se jingħad aktar 'il quddiem. Huwa risaput li talba għal qasma tinkludi talba biex issir liċitazzjoni (illi f'kull każ f'din il-kawża saret) jekk il-qasma ma tkunx fl-aħjar interess tal-partijiet. L-attriċi esebiet ftehim li kien ġie ffirmat mill-partijiet, iżda jidher li dan ma ġiex osservat u allura l-Qorti jkollha tiddeċiedi l-kawża skond il-liġi.

Illi oriġinarjamanet kien hemm tliet proprjetajiet immobbli x'jinqasmu iżda wieħed minnhom – garaxx f'Birżebbugia nbiegħ bonarjament lil wieħed mill-partijiet fil-mori tal-kawża u allura ma baqax fil-wirt. Jibqa' allura d-dar St. Mary House, Misraħ Kanonku Vella, Żejtun bil-garaxx magħha, u razzett fi Triq R. Caruana, Gudja.

Illi tenut kont komplessiv tat-testmenti msemmija, il-partijiet kollha *eccetto* Charles Dalli għandhom $^{2}/_{21}$ indiviż tal-proprjeta' u l-imsemmi Charles Dalli $^{1}/_{21}$; il-perit tekniku ssuġġerixxa li tinqasam id-dar imsemmija b'mod li l-attriċi tieħu nofs il-ġnien u l-garaxx li għandu daħla minn 3, Melchiorre Gafa Street, Żejtun, u l-kumplament tinbiegħ peress li skond l-istima tiegħu, id-dar bid-dritt ta' abitazzjoni tiswa €176,000, u l-istess dar kollha kif soġġetta għall-istess dritt tiswa €180,000. B'dan il-mod l-attriċi tħallas €7,857 bħala ekwiparazzjoni għaliex il-valur assenjat lilha jkun €55,000. L-attriċi għamlet talbiet oħra fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha biex ikollha ż-żmien tagħmel l-arranġamenti neċessarji iżda l-Qorti mhix f'pożizzjoni li taċċetta t-talbiet tagħha għaliex xogħol il-Qorti huwa li tiddeċiedi l-kawża skond il-liġi u mhux tieħu ħsieb il-konvenjenza tal-partijiet dwar x'jiġri wara li tingħata s-sentenza.

Illi l-Qorti għalhekk se tordna l-bejgħ in liċitazzjoni tal-proprjeta' l-oħra, u dan a bażi tal-valutazzjoni mogħtija mill-espert tekniku fuq imsemmi. Għandhom jinqasmu wkoll kull kont bankarju f'isem il-mejtin skond it-testmenti tagħhom.

Illi l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-attriċi li l-konvenut Joseph Dalli għandu jħallas is-somma ta' €5,750 lill-partijiet peress li żamm għandu l-kirjiet tal-garaxx mingħajr qatt ma ta sodisfazzjon lil ħadd dwarhom.

Illi kwantu għall-ispejjeż m'hjiex lanqas aċċettabbli t-teżi tal-attriċi li m'għandhiex tħallas spejjeż u bħalma jiġri normalment f'każi simili, dawn għandhom jinqasmu bejn il-partijiet skond l-ishma rispettivi tagħhom mill-wirt.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant il-Qorti għalhekk tiddeċiedi l-kawża billi:**

1. **Tawtorizża lill-attriċi tieħu l-prelegat tagħha ta' €13,976.24 mill-kont mal-Bank of Valletta, u lill-konvenuti Adam u Mario Dalli l-prelegat tagħhom ta' €2,330 kull wieħed mill-kont HSBC.**

2. **Tordna li d-dar St. Mary House, Misraħ Kanonku Giovanni Vella, iż-Żejtun tinqasam b'mod li l-attriċi tiġi assenjata l-parti tal-ġnien, u l-garaxx li għandu d-daħla minn 3, Triq M. Gafa, iż-Żejtun skond il-pjanta AD2 fil-proċess, u l-partijiet l-oħra assenjati l-kumplament bl-ishma kif indikati b'dan li s-sehem tal-attriċi fuq din il-proprjeta' jiġi diviż bejn il-partijiet l-oħra ndaqs, u eventwalment tkun tista' tinbiegħ bil-liċitazzjoni skond l-istima ndikata mill-perit tekniku f'dawn il-proċeduri; tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv u lil Dottor Abigail Critien bħala kuratur biex tirrappreżenta l-eventwali kontumaċi. Il-kuntratt għandu jsir f'data li tiġi ffissata mill-Qorti fuq talba ta' xi parti nteressata. L-attriċi għandha tħallas is-somma ta' €7,857 bħala ekwiparazzjoni lill-partijiet l-oħra għal darba waħda u din għandha tkun imqassma skond l-ishma rispettivi;**

3. **Tordna l-bejgħ tar-razzett 40, 42, 44 Triq Raymond Caruana, Gudja in liċitazzjoni kif mitlub a bażi tal-prezz**

**ta’ €175,000 kif stmat u r-rikavat għandu jinqasam bejn il-partijiet f’ishma ugwali ta’ $^{2}/_{21}$ kull wieħed *eccetto* Charles Dalli li jiehu $^{1}/_{21}$; bl-istess mod għandu jinqasam ir-rikavat mill-bejgħ ta’ plakka tad-deheb li ma ġietx stmata;**

4. **Tordna li l-kontijiet bankarji f’isem il-mejta Maria Dalli jinqasmu bejn il-partijiet f’ishma ugwali ta’ $^{2}/_{21}$ *eccetto* Charles Dalli li jieħu $^{1}/_{21}$; dawk f’ isem Carmelo Dalli bejn il-partijiet *eccetto* l-istess Charles Dalli li jieħdu $^{1}/_{10}$ kull wieħed u waħda.**

5. **Tordna li l-oġġetti tad-deheb jinqasmu skond id-Dokument AD6 bil-polza u tawtorizża lill-istess Nutar u Avukat nominandi biex jipproċedu għal din il-qasma bl-istess mod;**

6. **Tordna lill-konvenut Joseph Dalli jħallas lill-partijiet l-oħra s-somma komplessiva ta’ €5,750 li għandha tinqasam skond is-sehem rispettiv ta’ kull parti;**

**L-ispejjeż tal-kawża jinqasmu bejn il-partijiet kollha fil-kawża indaqs bejniethom, ħlief għal Charles Dalli li għandu jħallas $^{1}/_{21}$.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------